KUNSILL LOKALI
# MOSTA
LOCAL COUNCIL

**7/10**

**Il-għaxar (10) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru, 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| | Is-Sur James Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Karl John Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |
| | ~~Dott. Rachel Tua~~ | - | ~~Kunsillier~~ |
| | Dr Angele Rapa | | |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati:** | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsilier |
| | ~~Dr Angele Rapa~~ | - | ~~Kunsillier~~ |
| | Dr. Rachel Tua | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tad-Disa Laqgħa
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti
4.
   - Tender Christmas Lights
   - Tender Part-Time Clerk
5. Approvazzjoni
   - Skeda ta pagamenti
6. Ġieħ fil-Mosta – Vot Sigriet
7. Kommunikazzjoni mis-Sindku
8. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-7.45 ta' filgħaxija.

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**

**1. Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

**2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tad-Disa Laqgħa**

Il-minuti tat-tmien (9) tal-Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 25 ta' Awwissu 2015 ġew approvati b'mod unanimament.

**3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti**

Minuta 4 – Korrispondenza Nru 3 Is-Sindku nforma lill-membri li wara diskussjoni li kellu mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jingħata permess li l-grupp ta' studenti universitarji sabiex jagħmlu camping f'Tat-Tarġa Camping.

Is-Sindku qal li l-importanti li no objection tal-Kunsill toħroġ biss jekk dan il-grupp Universitarju jerfa' responsabilita ta kull ma jista' jseħħ . Apparti minn hekk is-Sindku qal li wara li ssir evalwazzjoni mill-avukat ser jitwaqqaf bord sabiex ttieħed deċiżjoni fuq dan is-sit. Dan il-bord ser jkun iffurmat mis-Sindku Edwin Vassallo, il-Kunsillier Alexander Muscat u l-Kunsillier Keith Cassar.

Il-membri qablu unanimament.

Triq il-Waqqafa - Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill kellu jikkomunika ma Door Numbering Unit sabiex issir numerar ġdid f'din l-imsemmija triq.

Id-Door numbering unit nformaw lill-Kunsill li soluzzjoni tista tkun li jikkomunikaw mal-istreet naming committee sabiex din it-triq tkun maqsuma f'ismijiet differenti.

Il-Kunsill ma wasalx għal qbil rigward din il-proposta u Sindku ssuġerixxa li jerġa jkun hemm kuntatt ma door numbering unit sabiex ikun mitlub jingħata spjegazzjoni aħjar tal-proposta li kien qed isir li triq tinqasam fi tlett ismijiet tat-toroq differenti.
Il-membri qablu unanimament.

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

**6. Ġieħ il-Mosta – Vot Sigriet**

Is-Sindku għamel sospensjoni tal-minuti sabiex jiġi diskuss punt 6 , Ġieħ il-Mosta Vot Sigriet.

Il-Viċi Sindku Ivan Bartolo spjega il-programm ta l-attivita ta Jum Il-Mosta (Anness 1) .

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qassam il-voti sabiex il-membri tal-Kunsill jivvutaw għal dawk li xtaqu li jirbħu Ġieħ il-Mosta għas-sena 2015. F'dan il-ħin saret il-votazzjoni mill-bord li kien imwaqqaf fil-laqgħat preċedenti iffurmat minn 3 membri tal-Kunsill ivvutaw wkoll għal rikonoxximent għal Ġieħ il-Mosta (Anness 2) .

F'dan il-mument is-Sur Alex Muscat qal lil membri li peress li wieħed minn nominati huwa relatat miegħu ma ħassux f'pożizzjoni li jivvota minħabba kunflitt ta' interess. Għaldaqastant ċeda il-vot tiegħu lis-sur Ivan Bartolo.

Saret il-votazzjoni sigrieta ta Ġieħ il-Mosta. Ġew innominati:

Charlie Schembri
Joseph De Martino
Martina Fenech
Catherine Micallef
Mosta Football Club
Dun Mario Tong

Il-voti ġew kif jidher hawn taħt.

Charlie Schembri – 4 voti
Joseph De Martino – 10 voti
Martina Fenech – 6 voti
Catherine Micallef – 7 voti
Mosta Football Club – 7 voti
Dun Mario Tong – 7 voti.

Ġieħ il-Mosta ingħatat lil

Joseph De Martino
Martina Fenech
Catherine Micallef
Mosta Football Club
Dun Mario Tong

---

Saret il-votazzjoni ta Rikonnoxximent għal Ġieħ il-Mosta 2015

Ġew innominati

Frans Deguara
Martina Fenech

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

Mario Meli

Ir-rikonoxximent ħadha is-Sur Frans Deguara .

Mario Meli ġab l-aktar ammont ta' voti u għaldaqstant ingħata ġieħ il-Mosta filwaqt li Martina Fenech awtomatikament kienet ġiet nominata wkoll għal Ġieħ il-Mosta .

4. **Tenders**

- **Tender Christmas Lights**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri li wasal żmien li tinħareġ tender ta dawl dekorattiv tal-Milied minħabba l-fatt li Diċembru kien fil-qrib. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrimarka li minħabba sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma jistax ikun li l-Kunsill joħroġ eluf kbar ta liri għal dan id-dawl. Għaldaqstant l-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrimarka li hu jrid ikun jaf eżatt l-armar ta tiżjin dekorattiv li ser issir fit-toroq imsemmija fit-tender. Is-Sindku rrimarka li hu jaqbel ma dak li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant talab lil- Kunsillier Keith Cassar sabiex jara kemm ser jkun hemm bżonn dawl dekorattiv.

Il-Kunsillier Keith Cassar nforma lil-membri preżenti li hu l-ewwel ser jiċċekkja hemmx xi soluzzjoni oħra bħallikieku d-dawl jinxtara mill-Kunsill sabiex b'hekk ma jkunx hemm bżonn li tinħareġ tender u jkun parti ill-assi finanzjarji tal-Kunsill.

Huwa kompla jgħid li fil-ġranet li ġejjin ser jaħdem fuq din il-proposta. F'każ li jirriżulta fin-negattiv ser jinforma lill-Kunsill bl-ammont ta dawl dekorattiv li ser ikun hemm bżonn . Is-Sindku rrimarka li hu jħoss li għandu jsir capping fuq din it-tender . Minn naħa tiegħu l-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma li l-aħjar din titħalla open sabiex b'hekk ma nkunux qegħdin norbtu il-finanzi tal-Kunsill mal-ammont . Wara diskussjoni flimkien mal-membri tal-Kunsill ġie deċiż li mgħandux jsir capping . Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

- **Tender Part-Time Clerk**

Is-Sindku nforma lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jitkellem dwar dan it-tender. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri li kien wasal żmien sabiex tiġi ngaġġata skrivana fuq bażi part time minħabba l-fatt lis-Sinjura Candice Coppola dalwaqt toħroġ bil-leave tal-maternita. Huwa żied jgħid li din trid taħdem mit-Tnejn sas-Sibt u qed ikun ikkalkulat li l-ħin ikun 30 siegħa fil-ġimgħa . Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

5. **Approvazzjoni**

- **Skeda ta pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

6. **Korrispondenza / Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-programm ta' attivitajiet u laqgħat li ser ssiru għax-xahar ta' Ottubru 2015 (Anness programm) .

**Korrispondenza Nru 1 – Sigurta fi Triq Dun Ang Dingli**

Il-membri tal-Kunsill qablu li għandha tintbagħat ittra lil Transport Malta fejn nitolbu li ssir sleeping policeman minħabba traffiku li jinżel fi Triq Karlu Darmanin, jeek tistax ssir stop sign fi Tri Ganni Vella biex jitnaqqas l-periklu.

**Korrispondenza Nru 2 – Tieġ – Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lil dan il-persuna fejn jiġi nfurmat bil-kundizzjonijiet kollha.

**Korrispondenza Nru 3 – Proposta ta isem Ta Triq**

Il-Kunsill qabel li għandha tinġabar lista ta kunsiderazzjonijiet biex tkun tista ttieħed deċiżjoni aktar il-quddiem.

**Korrispondenza Nru 4- Permess ta 3 parkeġġi għall-armar ta scaffolding**

Il-Kunsill qabel li għandu jintalab gwida mingħand Direttur tal-Gvern lokali.

**Korrispondenza Nru 5 – Talba għal użu tas-Sala**

Il-membri tal-Kunsill qablu li din il-persuna għandha tingħata l-użu tas-sala mingħajr ħlas.

7. **Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2015 **fis-7.30 p.m.**

Laqgħa spiċċat fl-10.15 ta filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Edwin Vassallo | Michael Mifsud |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum: 6/10/2015

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**

Annex I ·

Ġieħ il-Mosta 2015 DRAFT

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 19:30 | Opening : Nagħtuk Ġieħ | Big Screen | 3m |
| 2 | 19:34 | Spjegazzjoni tas-Serata minn Preżentatur | Live | 2m |
| 3 | 19:37 | Clipp 1 – "Noffru fjuri lil xulxin meta għadna ħajjin mhux meta nsiru kadavri" | Big Screen | 1m |
| 4 | 19:38 | Preżentazzjoni Rikonoxximent Kultura | Live | 2m |
| 5 | 19:41 | Biografija dwar il-protagonista mill-Preżentatur | Live | 1m |
| 6 | 19:42 | Kelma mill-Protagonista : Kultura | Live | 1m |
| 7 | 19:43 | Clip 2 | Big Screen | 1m |
| 8 | 19:44 | Preżentazzjoni Rikonoxximent Tfal | Live | 2m |
| 9 | 19:47 | Biografija dwar il-protagonista mill-Preżentatur | Live | 1m |
| 10 | 19:48 | Kelma mill-Protagonist Tifel/Tifla | Live | 1m |
| 11 | 19:49 | Clip 3 | Big Screen | 1m |
| 12 | 19:50 | Preżentazzjoni Rikonoxximent Sportiv | Live | 2m |
| 13 | 19:52 | Biografija dwar il-protagonista mill-Preżentatur | Live | 1m |
| 14 | 19:53 | Kelma mill-protagonist Sportiv | Live | 1m |
| 15 | 19:54 | Clip 4 | Big Screen | 1m |
| 16 | 19:55 | Preżentazzjoni Rikonoxximent Akkademiku | Live | 2m |
| 17 | 19:58 | Biografija dwar il-protagonista mill-Preżentatur | Live | 1m |
| 18 | 19:59 | Kelma mill-Protagonist Akkademiku | Live | 1m |
| 19 | 20:00 | Clip 5 | Big Screen | 1m |
| 20 | 20:01 | Preżentazzjoni Rikonoxximent Żagħżugħ/a | Live | 2m |
| 21 | 20:04 | Biografija dwar il-protagonista mill-Preżentatur | Live | 1m |
| 22 | 20:05 | Kelma mill-Protagonist Żagħżugħ/a | Live | 1m |
| 23 | 20:06 | Entertainment | Live | 4m |
| 24 | 20:11 | Preżentatur : Jagħti nformazzjoni dwar Ġieħ il-Mosta l-imgħoddija) | Live | 3m |
| 25 | 20:15 | Clip 6 | Big Screen | 1m |
| 26 | 20:16 | Preżentazzjoni Rikonoxximent Filantropiku | Live | 2m |
| 27 | 20:19 | Biografija dwar il-protagonista mill-Preżentatur | Live | 1m |
| 28 | 20:20 | Kelma mill-Protagonist Filantropiku | Live | 1m |
| 29 | 20:21 | Clip 7 | Big Screen | 1m |
| 30 | 20:22 | Preżentazzjoni Rikonoxximent Umanitarju | Live | 2m |
| 31 | 20:25 | Biografija dwar il-protagonista mill-Preżentatur | Live | 1m |
| 32 | 20:26 | Kelma mill-Protagonist Umanitarju | Live | 1m |
| 33 | 20:27 | Clip 8 | Big Screen | 1m |
| 34 | 20:28 | Preżentazzjoni Rikonoxximent Volontarju | Live | 2m |
| 35 | 20:31 | Biografija dwar il-protagonista mill-Preżentatur | Live | 1m |
| 36 | 20:32 | Kelma mill-Protagonist Volontarju | Live | 1m |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 37 | 20:33 | Clip 9 | Big Screen | 1m |
| 38 | 20:34 | Preżentazzjoni Rikonoxximent Anzjan/a | Live | 2m |
| 39 | 20:37 | Biografija dwar il-protagonista mill-Preżentatur | Live | 1m |
| 40 | 20:38 | Kelma mill-Protagonist Anzjan/a | Live | 1m |
| 41 | 20:39 | Clip 10 | Big Screen | 1m |
| 42 | 20:40 | Preżentazzjoni Rikonoxximent Ex-Kunsillier/a | Live | 2m |
| 43 | 20:43 | Biografija dwar il-protagonista mill-Preżentatur | Live | 1m |
| 44 | 20:44 | Kelma mill-Protagonist ex-Kunsillier/a | Live | 1m |
| 45 | 20:45 | Preżentatur : Jispjega li wara l-Entertainment ikun hemm Ġieħ il-Mosta | Live | 1m |
| 46 | 20:46 | Entertainment | Live | 4m |
| 47 | 20:50 | Preżentatur jistieden lis-Sindku | Live | 1m |
| 48 | 20:51 | Diskors : Sindku | Live | 3m |
| 49 | 20:54 | Clipp 11 | Big Screen | 1m |
| 50 | 20:55 | Sindku jippreżenta Ġieħ il-Mosta 1 | Live | 2m |
| 51 | 20:58 | Biografija mill-Preżentatur dwar il-protagonsita | Live | 1m |
| 52 | 20:59 | Preżentazzjoni tal-Midalja u ċertifikat | Live | 2m |
| 53 | 21:00 | Kelma mill-Protagonista | Live | 1m |
| 54 | 21:01 | Clipp 12 | Big Screen | 1m |
| 55 | 21:04 | Sindku jippreżenta Ġieħ il-Mosta 2 | Live 2 | 2m |
| 56 | 21:07 | Biografija mill-Preżentatur dwar il-protagonista | Live | 1m |
| 57 | 21:08 | Preżentazzjoni tal-Midalja u ċertifikat | Live | 1m |
| 58 | 21:09 | Kelma mill-Protagonista | Live | 1m |
| 59 | 21:10 | Għeluq mill-Preżentatur | Live | 1m |
| 60 | 21:11 | Innu tal-Mosta | Live | 3m |
| 61 | 21:15 | END | - | - |

Anness 2

**Kunsill Lokali**
**Mosta**

## Votazzjoni Sigriet ta'
## Rikonoxximent il-Mosta 2015

1 Frans Deguara (Volontarjat) ☐

2 Martina Fenech (Umanitarju) ☐

3 Maria Meli (Sports) ☐

Annex 2

**Kunsill Lokali**
**Mosta**

# Votazzjoni Sigrieta
# Ġieħ il-Mosta 2015

1. Charlie Schembri ☐

2. Joseph P DeMartino ☐

3. Martina Fenech ☐

4. Chaterine Micallef ☐

5. Mosta Football Club ☐

6. Dun Mario Tong ☐

Prosposta minn Edwin Vassallo.

*Programm propost - Attivitajiet għal OTTUBRU 2015*

## *"Il-Mosta d-dar tagħna. Aħna familja waħda."*

*Tema għax-xahar ta' Ottubru 2015:*

# Napprezzaw aktar l-ambjent sabiħ ta' madwarna u naraw kif inħalluh lil ta' warajna isbaħ milli hu

**"Naħdmu biex fil-Mosta ngħixu f'ambjent isbaħ u aktar nadif"** din hija t-tema li l-Kunsill ser ikun qed jikkomunika f'dan ix-xahar. Għalhekk il-Kunsill għandu jibgħat dan il-programm lill-Għaqdiet kollha, kif ukoll lill-iskejjel li jinsabu fil-Mosta. Hawn il-Kunsill jitlob lil kull skola biex tuża din it-tema u twassal dan il-messaġġ ukoll lill-istudenti tagħha.

Il-Kunsill għandu wkoll joħroġ poster li jkun qed juża fuq il-mezzi soċjali tax-xandir u dan il-poster għandu jkun komunikat ukoll lil ħafna persuni li jużaw il-facebook u li jgħixu fil-Mosta.

**1 ta' Ottubru, il-Ħamis, fis-7.30 pm:** Issir laqgħa pubblika ta' konsultazzjoni dwar l-indafa fil-Mosta fejn jieħdu sehem il-kuntratturi nvoluti fil-ħidma tal-indafa, u dawk kollha li għandhom interess li jkunu preżenti għal din il-laqgħa. Huwa l-ħsieb tal-Kunsill li f'din il-laqgħa l-Kunsill Lokali tal-Mosta jinawgura l-kunċett tan-***Neighbourhood Watch*** biex ikunu mwaqqfa dawk li qed jabbużaw u jarmu l-iskart tagħhom fuq il-bankini ħafna qabel il-ħin mitlub.
Is-suġġett tal-laqgħa għandu jkun: **"Kif nistgħu jkollna Mosta aktar nadifa"**.
Qabel din il-laqgħa tkun inawgurata wirja ta' fotografija bl-isem "Naħdmu biex fil-Mosta ngħixu f'ambjent isbaħ u aktar nadif" fejn ir-ritratti ser ikunu esibiti fil-fojer tal-Kunsill Lokali.

**6 ta' Ottubru, it-Tlieta, fis-7.30:** Issir il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Qed ikun propost li f'din il-laqgħa jkun diskuss is-suġġett dwar l-istallazzjoni ta' numru ta' ***CCTV*** f'postijiet kruċjali fejn qed jinġabar ħafna skart fit-toroq kif ukoll is-suġġett ta' tisbiħ ta' ġonna pubbliċi madwar il-Mosta u l-possibiltà li jinħareġ il-kuntratt għax-xiri ta' bandli għal żewġ ġonna pubbliċi - dak taz-zona Ta' Mlit (li hemm fuq il-ġibjun) u dak taz-zona taż-Żokrija.

**9 ta' Ottubru, il-Ġimgħa, fis-7.30 pm:** Issir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti taz-zona ta' Santa Margerita fis-Sala tal-Kunsill Lokali tal-Mosta.

**13 ta' Ottubru, it-Tlieta, fis-2.30 pm:** Issir laqgħa għal dawk li jaħdmu fiz-zona industrijali ta' Tarġa Gap, fejn fost l-oħrajn ikun diskuss l-immaniġġjar tal-iskart.

**16 ta' Ottubru, il-Ġimgħa, fis-6.30 pm:** Issir laqgħa tal-Kunsill Lokali tat-Tfal fejn jiltaqa' ma' tfal studenti li jgħixu fil-Mosta u li huma membri tal-Kumitati tal-Eko-skola fl-iskejjel rispettivi tagħhom. It-tfal studenti jkunu mitluba jitkellmu dwar it-tema **"Naħdmu biex fil-Mosta ngħixu f'ambjent sabiħ u aktar nadif"**.

**20 ta' Ottubru, it-Tlieta, fis-2.30 pm:** Fis-Sala tal-Kunsill Lokali ssir laqgħa għas-sidien tan-negozji fil-Mosta bis-suġġett prinċipali jkun: "**Il-ġar tiegħek huwa l-ambjent li trid tieħu ħsieb, it-triq fejn taħdem huwa l-ambjent fejn qed tgħix int".**

**20 ta' Ottubru, it-Tlieta, fis-7.30 pm:** Issir laqgħa tal-Kunsill Lokali, fejn fost l-oħrajn jista' jkun diskuss il-programm ta' Novembru.

**24 ta' Ottubru, is-Sibt:** Tkun ġurnata li fiha ssir attività ta' **tindif ta' Wied il-Għasel** miż-żgħażagħ Mostin.

**29 ta' Ottubru, il-Ħamis:** Isir **tħawwil ta' siġar** mill-istudenti ta' skejjel fil-Mosta.